MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Numru 876/2012

**Pulizija**

**Spettur Joseph Busuttil**

**Vs**

**Giovanni Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Giovanni Micallef bin Carmelo u Gemma nee' Zahra, mwieled fit- 13 ta' Awwissu 1963, Tarxien, residenti Broadway, Flat 5, Triq il- Qawra, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- IDentita' bin- numru 413263M;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fil-25 ta’ April 2021 u fix-xhur ta’ qabel;

1) B’ mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmmen l- ezistenza ta’ intrapizi folox, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ iktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Saviour Mallia ID 55459M;

2) B’ mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex ieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ iktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Antoine Mallia ID 485281M;

3) B’ mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ iktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Amanda Micallef ID 67883M;

4) B’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Mandy Buhagiar 446675M;

5) B’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, inganna jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz jew billi wera hga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta’ aktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Sarah Chircop ID 488887M;

6) B’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta’ iktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Giuseppe Micallef ID 809145M;

7) B’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi folox, jew ta’ hila, setgha fuq hadiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ iktar minn €23.29 izda inqas minn €232.94 ghad- detriment ta’ Francis Bugeja ID 184959M;

8) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

9) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, appropraj ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

10) Aktar talli bi hsara ta’ haddiehor, ghamel xi qliegh iehor b’ qerq, mhux imsemmi fl- artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub titolu;

11) Il- Qorti hija mitluba f’ kaz ta’ htija titratta l-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b’ diversi sentenzi tal- Qorti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' provi tad-difiza f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi l-imputat, fil-mori ta' dawn il-proceduri, hallas ghas-saldu l-ammonti kollha dovuti lill-parti leza, kif ikkonferma mill-Prosekuzzjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-istess imputat hati u tghaddi biex taghti s-sentenza f'din il-kawza. Mill-provi prodotti kien irrisulta ampjament ippruvat li l-imputat kien, fl-ahjar ipotesi, iffroda ammonti differenti ta' flus minn diversi persuni msemmija fit-tahrika, fil-perijodu ta' April 2012 u x-xhur ta' qabel. Tul il-proceduri, l-imputat ra kif

ghamel u hallas lura dawk l-ammonti kollha lill-persuni ndikati. Ghalhekk, hu minn jeddu ghamel tajjeb ghal ghemilu b'din ir-rifuzjoni.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li ladarba saret din ir-rifuzjoni, ghandu jkun hemm temperament fil-piena. L-imputat jidher li fehem il-hsara li wettaq b'ghemilu, u ghamel tajjeb ghal dan billi hallas ghas-saldu l-ammonti kollha li kien ha lid-diversi persuni indikati. Ghalhekk, parti mill-gustizzja riparatrici ghamilha l-imputat stess bil-hlas li wettaq. Fic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li sanzjoni fil-komunita' ghandha sservi biex tippremja lill-imputat talli fehem il-hazin li ghamel u fittex isewwi l-hsara, kif ukoll biex isservi ta' deterrent ghall-futur, biex ma jergax jaqa' ghat-tentazzjoni u jwettaq reati ohra bhal dawn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(1)(b), 293, 294, 310(1)(a), 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputata

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------